MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 2205/2003

**Thomas Smith Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi, u l-assikurat taghha George Vassallo – Eurocargo Freight Services Limited**
**vs**

**Kurt Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-3 ta' Novembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm223.25) u fejn intqal illi:**
**Peress illi f'gurnata tal-4 ta' Novembru, 2002, Luke George Vassallo kien qed isuq il-vettura tal-attur George Vassallo, Fiat Punto DBG-942 matul Sir Paul Boffa Avenue, u kien ghaddej fuq in-naha tal-lemin tal-karreggjata tieghu biex jikser ghal Triq Garibaldi, bl-indicator mixghul, meta f'daqqa gie nvestit minn**

**wara minn vettura misjuqa mill-konvenut Land Rover AAI-586 propjeta` ta' Mifsud Emanuel u kienet misjuqa minn Mifsud Kurt. Il-konvenut ammetta illi huwa prova jiskansa incident ma' vettura ohra, zamm il-brake u biex jahrabha kiser l-isteering wheel b'rizultat li habat mal-vettura tal-attur assigurat mas-socjeta` attrici ;**
**U peress illi dan l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenut Kurt Mifsud minhabba illi naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku, u minhabba illi l-konvenut saq b'manjera traskurata, u peress illi d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghal mitejn lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm200.25) oltre spejjez legali ;**
**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux it-Tribunal :**
**1. Jiddikjarah responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi ;**
**2. Jillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-incident fuq imsemmi fl-ammont ta' mitejn tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm223.25) ;**
**3. Tikkundannah ihallas lill-atturi din is-somma.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Awissu, 2003 kontra l-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2004 deher il-konvenut li ammetta li kien responsabbli ghall-incident pero` ikkontesta l-kwantum, pero` fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 2004, il-konvenut ammetta t-talba attrici.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo, jillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-incident fuq imsemmi fl-ammont ta' mitejn tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm223.25); u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma msemmija ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm223.25).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Awissu, 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------